# EPISODJU 6 L-UNUR MIĊ-ĊITTADINI TAS-SEMA LIL SAN MIKIEL



San Mikiel Arkanġlu jirrakkonta: Fl-inkurunazzjoni tiegħi, x'ħin ġejt magħżul mexxej ta' dawk kollha li għandhom jidħlu fil-glorja, x'ħin Alla fada f'idejja l-erwieħ kollha li għandhom ikunu milqugħin, b'tant ħlewwa qegħdli f'idejja 'Il-ktieb tal-ħajja tal-Ħaruf'. O, kemm ismijiet għeżież!

Fl-ewwel paġna hu mqiegħed l-ewlieni fost il-predestinat għall-glorja: Kristu Ġesù. Imbagħad il-kbira Ommu, u f'din l-ewwel paġna hemm iddikjarat li kull min għandu ismu fil-"Ktieb tal-Ħajja" matul ħajtu jeħtieġ li jagħti, qima u barka lil Marija Santissima.

# Episodju 7 Il-Kalvarju



San Mikiel Arkanġlu jirrakkonta: Ħaġa tassew tal-akbar għaġeb li Alla jsir bniedem u jmut għall-kreaturi tiegħu! Jiena u sieħbi Gabrijel konna maġenb Ġesu', wieħed kull naħa tas-Salib fuq il-Kalvarju, naraw u naduraw it-tjubija ul-ġustizzja t'Alla lejkom il-bnedmin, x'ħin biex jifdikom, qiegħed għall-mewt lil Ibnu.

Rajna u stagħġibna fuq il-ġustizzja ta' Alla x'ħin ir-Re tal-glorja, miksi bid-dnubiet tad-dinja kollha, smajnieh igħajjat mis-salib: "Alla tiegħi, Alla tiegħi. għaliex tlaqtni?" U meta Kristu qal: "Huwa mitmum!" rajna r-renju ta' satana fuq l-art jiġġarraf għal dejjem.

Malli l-Feddej tagħkom li xtrakom bid-demm prezzjuż divin tiegħu mejjel rasu u miet, aħna rajna

tiela’ bħal inċens maħruq fin-nar, li kontinwament kien u jibqa’ jgħajjat quddiem it-tron tas-Santissima Trinità: “Paċi, maħfra u saħħa.

Inti ġejt Feddej, lilek radd il-ħajr bil-kbir, għax vittma oħra ma setgħetx tasal biex tħallas b’mod xieraq u denn lill- Ġustizzja divina, u tneħħi d-dnub tad-dinja!”